# KONSULTAZZJONI PUBBLIKA

DWAR L-EWTANASJA **VOLONTARJA ASSISTITA**

GVERN TA' MALTA

riformi

1. Konsultazzjoni Pubblika għad-diskussjoni dwar l-ewtanasja volontarja assistita.

2. Il-Proposta 654 tal-manifest elettorali tipprovdi biex issir diskussjoni nazzjonali matura dwar l-introduzzjoni tal-ewtanasja volontarja għal persuni **b'mard terminali**.

3. Il-proposti ta' din il-konsultazzjoni pubblika jistipulaw il-**kriterji, is-salvagwardji u l-proċeduri**.

4. Il-**kriterji obbligatorji** biex persuna titlob u tkun kunsidrata eliġibbli għall-ewtanasja volontarja assistita jinkludu fost oħrajn li:

    a. It-talba trid issir **biss** bir-rieda espressa, libera u dokumentata tal-pazjent li jkollu jew ikollha marda terminali irriversibbli.

    b. Il-persuna trid tkun għalqet 18-il sena u tkun ilha residenti Malta ta' lanqas 12-il xahar.

    c. Biex ikun eliġibbli, il-pazjent irid ikollu ċertifikat tal-ispeċjalista tal-branka tal-marda li jiċċertifikah li raġonevolment mhux ser jgħix aktar minn **sitt xhur** minħabba l-kundizzjoni tiegħu.

4. Il-kriterji obbligatorji biex persuna titlob u tkun kunsidrata eliġibbli għall-ewtanasja volontarja assistita jinkludu fost oħrajn li:

    d. Irid ikollu wkoll żewġ ċertifikati oħra addizzjonali, wieħed minnhom minn psikjatra li jrid jiċċertifika li l-persuna għandha l-**kapaċità mentali** biex tieħu d-deċiżjoni għaliha nnfisha.

    e. Il-proċess, mill-bidu sal-aħħar, ser ikun segwit minn **bord regolatorju** magħmul minn eks-ġudikant u professjonisti mediċi u legali li għandu l-obbligu li jisma' lill-professjonisti li ċċertifikaw u anke lill-pazjent innifsu.

5. Il-kumitat medikolegali li fassal dawn il-proposti assigura wkoll sensiela ta' **salvagwardji**, fosthom;

a. Ta' **tifsira** medikament u legalment soda dwar kif tkun determinata marda terminali u irriversibbli.

b. Impona l-obbligu li t-tim mediku jispjega lill-pazjent b'alternattivi oħra li jista' jagħżel flok l-ewtanasja volontarja, fosthom is-**servizzi palljattivi**.

c. Iddeċieda wkoll li ma jkunx hemm kummerċjalizzazzjoni ta' dan il-proċess, l-ewtanasja volontarja assista ssir **biss** fi sptarijiet tal-gvern jew f'residenza tal-pazjent skont l-għażla tiegħu u dejjem bis-superviżjoni ta' professjonist mediku.

5. Il-kumitat medikolegali li fassal dawn il-proposti assigura wkoll sensiela ta' salvagwardji, fosthom;

   d. Assigura li dejjem ikun hemm **perjodu ta' riflessjoni** biex il-pazjent li jikkwalifika għall-ewtanasja volontarja assistita jkun jista' jbiddel fehmtu u jista' jagħmel dan sal-aħħar mument.

   e. Ser ikun kunsidrat bħala **reati kriminali** jekk persuna tinstab ħatja li għamlet pressjoni biex il-pazjent jitlob l-ewtanasja volontarja assistita.

   f. Persuni **b'mard kurabbli** ma jikkwalifikawx għall-ewtanasja volontarja assistita.

5. Il-kumitat medikolegali li fassal dawn il-proposti assigura wkoll sensiela ta' salvagwardji, fosthom;

   g. Persuna ma titqiesx li għandha marda terminali jekk tkun tbati **biss** minn waħda jew aktar minn dawn il-kundizzjonijiet:

      i. Problemi ta' saħħa mentali;
      ii. Diżabbiltà jew;
      iii. Kundizzjonijiet mediċi li spiss huma assoċjati mal-anzjanità, bħalma hi d-dimensja.

6. Dawn il-proposti qed jipprovdu wkoll reġim robust u regolat biex issir il-**proċedura** tal-ewtanasja volontarja assista.

   a. Il-Bord Regolatorju fi ħdan il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva għandu jassigura li l-pazjent jissodisfa l-kriterji kollha stabbiliti u li ġew segwiti mill-professjonisti mediċi l-prattiċi kollha skont il-liġi.

   b. Il-bord għandu l-**oblig**u li jsejjaħ lill-pazjent quddiemu, u f'każ ta' diffikultà ta' mobbiltà, iżur lill-pazjent sabiex l-istess pazjent jikkonferma d-deċiżjoni tiegħu bil-miktub mal-bord.

   c. Il-bord għandu l-obbligu li jagħti deċiżjoni finali f'kull każ **mhux aktar tard minn ġimagħtejn** wara li jkun irċieva t-talba tal-pazjent.

6. Dawn il-proposti qed jipprovdu wkoll reġim robust u regolat biex issir il-proċedura tal-ewtanasja volontarja assista.

   d. Il-pazjent innifsu, fil-preżenza ta' professjonist mediku, għandu jwettaq il-**proċedura finali** li twassal għat-tmiem tal-ħajja.

   e. Il-bord huwa obbligat li jżomm l-istatistika u jippubblika rapport darba fis-sena tat-talbiet li jkunu saru, li ġew aċċettati, jew rifjutati u dawk li ġew interrotti.

   f. Il-Bord Regolatorju għandu r-responsabbiltà li jinforma lill-awtoritajiet konċernati jekk jiġu għall-attenzjoni tiegħu tentattivi ta' abbużi waqt il-proċess, jew ta' pressjoni fuq il-pazjenti.

7. **Ir-rwol tal-professjoni medika**:
Il-membri tal-professjoni medika b'oġġezzjoni tal-kuxjenza għandhom dritt li ma jipparteċipawx fil-proċess li jwassal għall-ewtanasja volontarja assistita. Jibqa' l-obbligu tal-professjonist mediku li jirrispetta x-xewqa tal-pazjent li għandu jkun riferut għand professjonisti oħra.

8. Id-diskussjoni dwar dawn il-proposti saret f'kuntest li l-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva qiegħed jimplimenta l-istrateġija biex tissaħħaħ il-kura palljattiva. Irridu wkoll nesploraw il-possibbiltà li f'Malta nintroduċu qafas legali għat-testment mediku (living will).

9. Bit-testment mediku, li jsir quddiem nutar u li jkun pubblikat, persuna li tkun f'saħħitha u jkollha l-kapaċitajiet mentali, tista' tieħu deċiżjonijiet mediċi b'direttivi avvanzati għal diversi kundizzjonijiet li jistgħu jiżviluppaw f'xi mument f'ħajjitha.

10. It-testment mediku, madankollu, ma jagħtix dritt awtomatiku għall-ewtanasja volontarja assistita jekk ma jkunux sodisfatti l-kriterji tal-eliġibbiltà li tistabbilixxi l-liġi.

11. Hemm diversi mudelli internazzjonali li jelenkaw kundizzjonijiet ta' saħħa varji li jirrikjedu kura u trattamenti speċjalizzati u straordinarji li l-persuna tista' b'testment mediku tagħżel li tirrifjuta b'deċiżjoni infurmata li tkun għamlet aktar kmieni f'ħajjitha.

12. Fi kwalunkwe każ, id-dritt tal-persuna li tagħmel l-għażliet tagħha u tvarja u tbiddel kull mument għandhom dejjem jiġu rispettati.

# KONSULTAZZJONI PUBBLIKA

DWAR L-EWTANASJA
**VOLONTARJA ASSISTITA**

GVERN TA' MALTA

riformi